MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 77/2012

**Maria Dolores Micallef u Peter u Paul Edgar Micallef f'ismu proprju u ghall-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado**

**vs**

**Hix Limited C-2327**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur:

Illi hija tikri l-fond numru 12, St. Anne Street, Floriana lill-intimat.

Illi l-kera hija ta’ erba’ mija, erba’ u tletin ewro u hamsin centezmi (€434.50) kull sitt xhur bil-quddiem.

Illi l-intimat naqas li jhallas il-kera ghall-perjodu bejn l-1 t’Ottubru, 2011 sat-30 ta’ Settembru 2012, liema kera tithallas bil-quddiem. U b’hekk ghandu arretrati ta’ kera ta’ tmien mija u disa u sittin ewro.

Illi l-intimat gie interpellat kemm b’ittra legali tal-14 ta’ Jannar 2012 u ittra ufficjali ta’ Lulju 2012 izda baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda titlob lil dan il-Bord joghgbu:

1. Jiddikjara li l-intimat naqas milli jhallas il-kera tal-fond 12, Triq Sant’Anna l-Furjana mikri lilu mir-rikorrenti kif ‘l fuq imsemmi;
2. Jordna lill-intimat jivvaka l-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jiffissa dan il-Bord;
3. Jordna li r-rikorrenti tiehu mill-gdid il-pussess tal-istess fond 12, Triq Sant’Anna l-Furjana;

4. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tmien mija u disa u sittin ewro bhala arretrati ta' kera ghall-fond 'l fuq imsemmi ghall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru, 2011 u t-30 ta'Settembru, 2012.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh baqghet ma deheritx u ma rregistrat l-ebda opposizzjoni ghat-talbiet odjerni;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2014 fejn il-Bord laqgha t-talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti *qua* sidien ta' fond mikri lis-socjeta' intimata qieghdin jitolbu r-ripreza tal-fond fuq il-premessa singolari ta' nuqqas ta' hlas tal-kera gravanti l-istess fond;

Ir-rikorrenti xehdu illi s-socjeta' intimata naqset milli thallas zewg skadenzi ta' kera minkejja li debitament interpellati sahansitra b'ittra legali ghall-kull skadenza. Inoltre, huma esebew provi ta' dawn l-interpellanzi u minkejja dan, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti. Issa kif tinsenja l-gurisprudenza in rigward, il-Bord

m'ghandux jakkontenta ruhu biss bl-akkampata morozita' izda ghandu jara jekk kienx hemm xi raguni valida li wasslet ghal dak in-nuqqas u dan bl-iskop li jipprova jikkonserva l-kirja u jevita l-estremi tal-izgombru. Fil-kaz odjern dan ma jistghax isir ghaliex s-socjeta' intimata la qatt dehret f'dawn il-proceduri u wisq anqas ikkontestat il-kawza jew ressqet provi kontrarji. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgombru qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------